**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 324 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Zammit**

Illum, 15 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Joseph Zammit bin Saviour u Catherine nee' Schembri imwieled Pieta' fit-30 ta' Gunju, 1973, u residenti 6, Pjazza Darnin, Sqaq Nru. 1, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 378173 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fl-20 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' 16.45hrs waqt li kien qieghed fl inhawi tan-Naxxar u fil-Gzejjer Maltin, waqt stagun maghluq ghal kacca tal-ggasafar ikkacja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi, mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom (reg. 4 (1) ta' l-a. l. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat - Is 549.42);

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghal kacca ta' l-ghasafar min fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha (reg. 18 (1) (a) ta' l-a. l. 79/2006, hekk kif emendat - sl 549.42);

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'xi fond jew fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu x' arma tan-nar jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja ghal dik l-arma taht l-Att dwar l-armi u da bi ksur tal-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u / jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 480, Art 5 (3);

5. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra li taggti l-piena skont il-ligi, tordna 1-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-3 t' Awwissu, 2022, fejn il-wara li rat ir-regolamenti 4 (1) (a); 18 (1) (a) u 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, illiberat lill-qua imputat, Joseph Zammit mit-tielet u r-raba' imputazzjoni filwaqt li sabet lill-istess Zammit hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament kkundanatu ghall-piena ta' multa ta' elfejn Ewro (Eur. 2,000).

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti ordnat lill-hati Joseph Zammit ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 71.58 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien xahar millum.

L-Ewwel Qorti fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll is-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug that ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u that it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta'sentejn.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Zammit minnu pprezentat fil-11 t' Awwissu, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma il-liberazzjoni tal-imputat fuq it-tielet u ir-raba' akkuzi filwaqt li tirrevoka u thassar is-sentenza msemmija f'dak li jirrigwarda l-ewwel u it-tieni akkuzi u konsegwentament tilliberah minnhom.

B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa inflitta u tirrevoka l-ispejjez peritali.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti;

**L-ewwel Aggravvju**

**Apprezzament tal-provi dwar l-dentifikazzjoni u l-mod kif tmexxew l-investigazzjoni.**

L-appellant hu konxu li din l-Onorabbli Qorti ta' Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-Qorti inferjuri jekk din tal-ahhar setghet ragonevolment u

legalment tasal għal-konkluzjoni li waslet għaliha[1]. Għaldaqstant l-appellant qed jitlob, permezz ta' dan l-aggravju biex din l-Onorabbli Qorti, tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Onorabbli Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni tagħha. Hu umilment jemmen li fuq il-provi li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiema ma setgħetx ragonevolment tasal għall-konkluzjoni li wasslet għaliha u allura hemm raguni jew ragunjiet validi u mpellanti biex din l-Onorabbli Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Irid jingħad li l-unika xhud li identifikat lill-appellant kienet is-Sinjura Fiona Burrows. Meta din għarfitu fl-awla dan kien waħdu fuq il-bank tal-imputati u is-Sinjura Burrow hija ben edotta mill-proceduri tal-Qorti minħabba il-fatt li hija tixhed ta' spiss quddiem il-Qrati u allura taf li l-imputat ikun fin-nofs faccata tal-gudikant! Xhud okulari oħra certa Patricia Molina Garcia li jissemma fir-rapport tas-Sinjura Burrows qatt ma ttellgħet tixhed.[2] Issa kif jixhed il-filmat, li huwa ta' ftit minuti, is-suspettat ma jidhirx tajjeb[3]. Ir-raġel jinsab f' kamra imssaqqfa b' arma tan-nar bit-teleskopju quddiemu. Ma jidhirx ezattament x' liebes u lanqas kemm hu twil. L-istess xhud Burrows tikteb fir-rapport tagħha li is-suspettat għandu bejn **30 – 40 sena**. Issa ta' min jinnota li l-imputat għandu **48 sena** u allura l-eta' tiegħu hija ferm 'l bogħod minn dak prospettat mis-Sinjura Burrows ftit wara l-allegat avvistament!

Tant il-vizwal tagħha ma kienx tajjeb li fir-rapport tagħha tagħmel is-segwenti affermazzjonijiet:

*'we are not sure whether he shot….. but he was seen loading the gun'*

---

[1] Ara forst l-oħrajn Il- Pulizija vs Carmelo k/a Charles Borg, Appell Nru. 226/2022. Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju 202, per Onorevoli Imħallef Consuelo Scerri Herrera.
[2] Art. 638(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] **Wicc is-suspettat jidher biss għal ftit secondi** għal kuntrarju ta' dak li tasserixxi l-Ewwel Onorabbli Qorti.

*'On the way we checked and the man was not in the hide and the van was also gone from where we saw it, confirming the* *__likelihood__* *that it belongs to him'.*[4]

Wara aktar minn sena, is-Sinjura Burrows, tghid li qed taghraf lill-appellant fl-awla u dan wara li kif jixhed il-filmat prezentat minnu din ratu darba biss f' hajjitha, minn distanza li tidher konsiderevoli, tanti li lanqas biss setghet tara in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura, minn l-angolatura ta' fejn kienet tinsab u qatt ma giet imsejjha *a tempo vergin* mill-pulizija tal-ghassa tan-Naxxar biex tidentifikah.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati gustament tikkwota is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fil-kaz **R vs Turnbull** li dawn il-Qrati f' diversi okkazzjonijiet jiccitaw pero' milli jidher naqset li thaddan il-principji hemm enuncati fost l-ohrajn li tiehu ukoll u izzomm quddiem ghajnejha l-interess tax-xhud li jixhed kontra l-imputat forst affarijiet ohra li issemmew ukoll aktar 'l fuq[5].

*__Investigazzjoni u l-identifikazzjoni tas-suspettat.__*

Gustament l-Ewwel Onotabbli Qorti tkellment fil-fond kif saru jew ahjar ma sarux l-investigazzjonijiet tal-pulizija. Pero' l-appellant ma jistax jaqbel mal-konkluzjoni li lahqet l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn dawn ghalkemm pratikament gew skartati ma kellhomx piz qawwi fuq d-decizjoni ahharija taghha li issib lill-appellant hati fuq l-ewwel zewg akkuzi meta tara l-assjem tal-provi u dak li osservat l-istess Qorti kif ukoll dak li xhedet is-Sinjura Burrows.

L-appellant jerga' jissottometti li l-investigazzjonijiet tal-pulizija tal-ghassa tan-Naxxar kienu fjakki u mhux professjonali u ma ghandhomx jaghtu is-serhan tal-

---

[4] Mela in-ness bejn ir-ragel fil-filmat u il-vettura gie ippruvat fuq bazi ta' probabilita' biss mis-Sinjura Burrows.
[5] Is-Sinjura Burrows tirraprezenta il-Committee Against Bird Slaughter (Cabs).

mohh lill-min imsejjah biex jiggudika dwar kif huma wassal biex iressqu lill-imputat, illum appellant.

**Jidher mill-atti processwali li l-agenti tal-pulizija marru fuq il-post u ma sabu xejn minn dak li qalet is-Sinjura Burrows, la sabu lill-appellant, la sabu l-arma, la sabu il-vettura, la sabu xi skratcc jew xi munizzjon, la sabu xi tajr u lanqas sabu xi arma. Huma lanqas innutaw xi attivita' ta' kacca. Infatti meta gie kontro-ezaminat PC 1151 C. Gatt qal car u tond li ma innutawx attivita' ta' kacca u 'la sabu skratacc jew bullets fl-art'**[6]. L-agenti tal-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar wara li raw il-filmat u wara li is-Sinjura Burrows taghthom numr ta' registrazzjoni ta' vettura huma cemplu lil sid il-vettura, certu **Kenneth Coleiro**, li qalilhom li dik il-vettura kien qed jaghmel uzu minnha l-appellant. Dan id-diskors bejn Kenneth Coleiro u il-pulizija sar apparentement biss fuq it-telephone. Dan Kenneth Coleiro qatt ma gie imsejjah biex imur l-ghassa u wisq anqas ittella' biex jixhed fil-proceduri odjerni u laqas biss jirrizulta li ittela' xi hadd minn Transport Malta biex jixhed fuq min verament kienet din il-vettura. Mill-atti processwali lanqas biss ghandna remotement konnessjoni bejn il-vettura rapurtata minn Burrows u l-appellant.

Tant li l-investigazzjoni tal-pulizija tan-Naxxar saru ta' kaf kaf u mhux ta' min joqghod fuqhom talli malli sejjhu lill-appellant l-ghassa u hu mar u beda jichad li kien hu dawn lanqas biss indenjaw ruhom li jergghu icemplu lill-sid il-vettura halli jigi fuq il-post u jikkonfrontawh mac-cahda tal-appellant jew tal-anqas ghamlu tentattiv biex jistabilixxu fejn kienet dak il-hin jew fil-hinijiet ta' qabel din il-vettura. Xejn minn dan! Dunque jibqa' misteru jekk verament dik il-vettura, jew ahjar number plate, kienitx konnessa mar-reat u lanqas ma gie stabilit minn kien biha dik il-vettura ladarba kien hemm cahda mis-suspettat u dik il-vettura

[6] A propositu ta' dan lanqas ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni Fiona Burrows li allegatament rat l-akkadut ma tixhed li kien hemm attivita' ta' kacca.

lanqas biss gie ezaminata u ivverifikata mill-agenti tal-pulizija fil-gurnata tal-incident. Xi haga li kienet accessibbli u vertifikabbli ghalihom ladarba ghamlu kuntatt mas-sid tal-vettura, ossija is-Sur Coleiro.

L-ufficcjali tal-pulizija jghidu li huma identifikawh mit-top li kien liebes hu stress meta mar l-ghassa. L-appellant, *a tempo vergine* cahad li dak il-flokk kien l-istess wiehed u qal lill-ufficcjali li dak li kien liebes kien top komuni li hafna minn- nies kellhom. Meta raw ic-cahda tal-appellant ghad-dikjarazzjoni taghhom fuq it-top tieghu, l-agenti tal-pulizija naqsu li jelevaw il-flokk jew tal-anqas jiehdu ritratt fotografiku halli b' hekk il-Qorti setghet tevalwa din il-prova hekk korraborattiva. B' hekk il-prova tal-flokk ma tezistix fl-atti processwali u il-gudikant ma seta' u ma jistax jaghmel ezami komparttiv bejn il-flokk u il-persuna maskili fil-filmat. Lanqas ritratt tal-flokk ma seta' jintwera lix-xhud Fiona Burrows.

Fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Matthew Spagnol u Spettur Nikolai Sant) vs Munir Mohamed Ali Gammudi, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell Nru. 212/2019) fit-28 ta' Jannar 2020 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera intqal is-segwenti:

**'….Minn imkien ma jirrizulta li l-handbag li kien f' idejn l-appellant kien vojt meta nghata lil Michaela Attard jew li kien hemm xi haga nieqsa fih. Dan ma giex allegat u lanqas ma gie ippruvat. Ghalhekk ma kein hemm xejn xi jzomm lil Pulizija milli jiehdu ritratti tal-basket u l-kontenut. Din fil-fehma ta' din il-Qorti kienet tkun l-ahjar prova biex jigi stabilit dak li insteraq….u ghalhekk din il-Qorti ma tistax toqghod fuq suppozizzjonijiet'.**[7]

[7] Pg. 31.

In-nuqqas ta' din il-prova allura ukoll iddghajjef it-tezi tal-prosekuzzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-suspettat **u tkompli tixhed dubbji serji fuq l-identifikazzjoni li Fiona Burrows taghmel tal-appellant aktar minn sena wara ladarba dan qatt ma gie identifikat minnha** ***a tempo vergine*** **fl-ghassa tan-Naxxar!**

*L-investigazzjoni u l-arma.*

Ghal darb' ohra in linea general l-appellant jaqbel mal-osservazzjonijiet li ghamelt l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-arm. Di fatti dik il-Qorti ma hassitix komda li tikkonfiska l-arma ezebita. Pero' l-appellant ma jaqbilx kompletament fuq il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm skartat l-evidenza tal-arma pero' tinsa u tiskarta li dik l-arma kienet **intrinsikament** marbuta u mizzewwga mal-persuna fil-filmat.

Irid jinghad li lanqas mal-ufficjali tal-pulizija ma dehrilhom li kellhom jelevaw l-arma dak in-nhar li l-incident gie irrapurtat jew tal-anqas jaghmlu tentattiv serju biex isibu din l-arma ladarba is-suspettat ewlieni kien fil-kustodja taghhom. Hadd minnhom ma jidher li staqsih fuq l-arma u huma ma ghamlux spezzjoni fir-residenza tieghu biex jistharrgu fuq l-arma u jaraw liema mill-armi tieghu setghu kienu dik l-arma li kien hemm fil-filmat, jew jekk xi arma minnhom setghet intuzat f' dak il-jum. Din il-prova hija kompletament nieqsa.

Ghar minn hekk jidher li fuq ordni illegali tal-ispettur Christine Delia, fl-24 ta' Marzu 2021, jigifieri erba' (4) t' ijiem wara l-akkadut, minghajr l-ebda mandat, il-pulizija tan-Naxxar, marru gor-residenza tas-suspettat, illum appellant u hadulu l-arma tan-nar li skond huma kienet dik involuta fl-incident. Kien f' dak l-istadju li hu tajhilhom minn- rajh minghajr ma inghata id-dritt li jkun assistit minn avuat

u lanwqas inaghat id-dritt tas-silenzju u allura dak li sar f' dik il-gurnata ghandu u kellu jigi skartat mill-Qranti taghna.

Madankollu il-pulizija ezekuttiva kompliet torbod il-kaz taghha b' mod intrinsiku mal-arma elevata b' mod abuziv mill-pulizija. Issa hu ultra milli-car li dik l-arma elevata mill-pulizija mhix l-arma li tidher fil-filmat li kienet ghand il-persuna f' dak il-mument u f' ak il-hin. Il-prosekuzzjoni zewget il-persuna fil-filmat u l-arma. Ladarba l-arma elevata u migbura mill-pulizija u li kienet suggett ghall-ezami forensiku u ballistiku mill-espert mahtur mill-Qorti, ossija PC 1525 Farrugia kienet differenti minn dik li allegatament uzata fl-incident peres li skond l-espert l-arma hija *single shot* filwaqt li dik fil-filmat hija bil-magazine u mhux *single shot* jew *single action*, allura l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

**It-Tieni Aggravju.**

Interpretazzjoni zabaljata tal-fatt u tal-ligi fuq kacca.

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju ghandu jinghad li r-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti ifalli fejn jidhol l-argument u in ness bejn kacca illegali ghax qed issir waqt stagun maghluq u in-ness mal-arma.

L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet is-segwenti fuq il-kwistjoni ta' kacca:

*'Illi din il-Qorti analizzat ix-xhieda ta' Burrows kif ukoll ir-ritratti u l-filmat esebit minnha. Mill-istess jirrizulta kjarament li l-kaccatur li jidher fil-filmat kien qed jikkaccja ghall-ghasafar fi stagun maghluq ghall-kacca. Dan anke jekk wiehed jara d-direzzjoni li*

*fiha kienet qed tinzamm l-arma u l-post fejn kienet qed issir il-kacca huwa car li l-kacca kienet ghall-ghasafar u mhux ghall-fniek.'*[8]

L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat hati ta' reati taht il-legislazzjoni sussidjarha 549.42, ossija li ikkacca jew ipprova jikkaccja xi ghasfur waqt stagun maghluq. Issa huwa altru milli ovvju li jekk wiehed jinstab hati li ikkaccja jew jipprova jikkacca waqt stagun maghluq, allura per konsegwenza huwa kellu ukoll jinstab hati li hareg arma barra mill-fond rigistrat (akkuza numru 3) u li kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja taht il-ligi tal-armi (akkuza numru 4), ossija il-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-logika hija semplici, biex tikkaccja jew tipprova tikkaccja ghandek bzonn arma u ladarba kien stagun maghluq dik l-arma ma tista' tkun imkien jekk mhux fil-post registrat. *Barra minn dan il-Kummissarju tal-Pulizija johrog licenzji varji, u mhux biss tal-kacca. Il-Kummissarju tal-Pulizija johrog per ezempju licenzji ta' Target Shooter A kif ukoll licenzji ta' Target Shooter B u allura fin-nuqqas tal-licenzja prezentati mill-prosekuzzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx, ladarba, lassjem tal-provi fuq l-arma huma dghajjfa u gew skartati, tikkonkludi li dik l-arma kienet qed tintuza mill-persuna bilfors waqt attivita' ta' kacca.*

L-appellant ihoss li ladarba hu gie liberat mit-tielet u ir-raba' akkuza li jikkorrispondu ma' pussess illegali barra mill-fond licenzja tal-arma allura kif huwa seta' jinstab hati li kien qed jikkaccja b' mod illegali ladarba il-Qorti inferjuri ikkonkludiet li ma kienx hati ta' l-ebda ksur taht il-ligi tal-Armi.

B' zieda ma dan ghandu jinghad li mhux biss ix-xhud **Fiona Burrows qatt ma qalet li ratu jikkaccja jew jipprova jikkaccja, imma ukoll l-ufficcjali tal-pulizija li zaru is-sit tal-incident ftit tal-minuti wara ir-rapport la sabu skratac u lanqas xi munizzjoni iehor. B' hekk wiehed mill-elementi rikjesti biex tikkaccja jew tkun fil-possibilita' li tikkaccja hu nieqes.**

[8] L-espert mahtur minnha, PC 1525 Farrugia, ma jaghmilx tali asserzjonijiet!

**L-istess espert mahtur mill-Qorti, ossija PC 1525 Patrick Farrugia jghid li l-arma li ezamina huwa kif ukoll dik li tidher filma ma tintuzax lokalment ghall-kacca tal-ghasafar u trid tkun altru marksman biex tnizzel ghasfur b' air rifle** u mhux gun kif xhedet is-Sinjura Fiona Burrows quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.[9] **Dunque dak ir-ragel li jidher fil-filmat ma jidhirx li qed jaghmel xi attivita' ta' kacca u meta wiehed jikkonsidra l-assjem tal-provi wiehed ma jistax jasal ghal dik il-konkluzjoni kif waslet l-Ewwel Onorabbli Qorti li kien qed jikkacca jew jipprova jikkacca, anzi wiehed jasal, tal-anqas fuq livell ta' probbabli li kien qed jaghmel xi target shooting fuq xi bottijiet, gebel jew xi haga li ma ticcaqlaqx**[10]. Dan irid ukoll fl-isfond, kif diga' intqal li l-ufficcjali li ezaminaw ix-xena tad-delitt ftit minuti wara li sar r-rapport ma sabux l-ebda sinjali ta' kacca. La skratacc u lanqas munizzjon iehor u il-persuna li tidher fir-ritratt ma tidhirx tbiddel ix-xena tar-reat lanqas jew b' xi mod Fiona Burrows qalet xi haga f' dan is-sens!

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi dwar kacca fin-nuqqas tal-elementi kif esposti aktar 'l fuq.

**It-Tieni Aggravju- Piena**

Huwa minnu li l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi, pero' l-appellant ihoss li l-elfejn Ewro (Ewro 2,000) huma bill wisq oneruzi ghal fatti addebitati lilu meta wiehed ieqis li huwa ma giex akkuzat li huwa recidiv.

[9] Mill-esperjenza vasta tagha is-Sinjura Burrows tista' taghmel distinzjoni sewwa bejn shotgun u gun!
[10] PC 1525 Farrugia fil-fatt jixhed li dik l-arma tintuza ghal target shooting, jigifieri fuq oggetti li ma jiccaqalqux!

L-appellant jemmen ukoll li huwa ma kellux ibaghti l-ispejjez peritali ladarba hu gie liberat mill-akkuzi li jaqghu taht il-ligi tal-armi, ossija, il-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt l-ezami ta' l-arma kien necessarju biex juri li dik l-arma li hemm fil-filmat ma kienitx tieghu u ladarba ma kienitx tieghu hu jsostni li hemm dubbji serji li dik il-persuna ma kienitx huwa.

Ghaldaqstant, huwa ma kellux ibaghti ukoll tal-ispejjez tal-perit legali ladarba il-pulizija ezekuttiva gie ritenut li ma ghamiltx xogholha tajjeb tant hu hekk li elevatlu wara xi jiem l-arma tieghu ghal xejn b' xejn. Barra minn hemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkummmentat fuq l-arma li wiehed ma setax jasal ghal konkluzzjoni li kienet dik li tidher fil-filmat u fil-fatt lanqas biss ikkonfiskata!

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[11] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi*

[11] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[12]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[13]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[14]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[15]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[16]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone .*

[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[16] 1969] 1 QB 276.

*However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[17]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[18] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[17] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[19] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[20]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

[20] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[21] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[22] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [23] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

---

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[22] 1997 Edition Para 10-3.
[23] 1952.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[24]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[25] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata

---

[24] moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[25] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[26] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru **l-verita' storika**; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC 1151 C. Gatt,** [27] **WPC 174 Silvana Bellia**[28] u **PC 787 C. Vella**[29] xehedu kollha permezz t'affidavit u fejn ipprovdew verzjonijiet simili. Huma spjegaw illi nhar l-20 ta' Marzu, 2020 kienu xoghol gewwa l-ghassa tan-Naxxar meta dahlet telefonata minn certu Fiona Burrows fejn din stqarret li kienet tahdem mal-CABS u dak il-hin hija kienet f'nofs it-telgha t' Alla u Ommu u kienet qed tara persuna maskili bil-vettura pparkjata fi sqaq vicin u cioe' Renault bajda bin-numru tar-

---

[26] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[27] Fol. 10 et seq. tal-process.
[28] Fol. 18 et seq tal-process.
[29] Fol. 32 et seq tal-process.

registrazzjoni GCA023. Huma flimkien marru fuq il-post fejn iltaqghu ma certa Fiona Burrows fejn indikatilhom il-post fejn kien dan il-persuna u qaltilhom li hi anke gibditlu filmat bil-mobile. Sussegwentament baghtuha gewwa l-ghassa tan-Naxxar sabiex taghmel rapport formali u tipprovdihom b'kopja tal-filmat. Spjegaw kif huma marru fl-ghalqa indikata fejn ma sabu l-ebda vettura u lanqas persuna. Ma nstabux lanqas skratac mil-art. Meta marru lura l-ghassa, fil-filmat derhet vettura bin-numru tar-registrazzjoni GCA023. Irrizulta li din il-vettura hija rregistrata fuq certu Kenneth Coleiro. WPC 174 ikkuntatjat lil Coleiro u meta saqsietu dwar il-vettura dan qalilha li din kien jaghmel uzu minnha impjegat tieghu certu Joseph Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 378173M. Dan l-individwu gie mfittex fis-sistema tal-NPS fejn mir-ritratt li sabu, l-individwu kien jixbah hafna lill-persuna li kien jidher fuq il-filmat. Huma kienu kkuntatjaw lil Zammit fejn dan irrikorra gewwa l-ghassa. Il-pulizija tawh id-drittijiet tieghu fosthom li jikkonsulta m'avukat rispettiv tieghu izda huwa rrifjuta dan id-dritt u malli gie mitlub sabiex jiffirma huwa ma riedx jiffirma. Mill-ewwel gie nnutat li huwa kien l-istess persuna tal-filmat tant li kien liebes l-istess gaketta b'kulur skur u li fuq sidru kellu l-kliem 'SF' fejn dan gie nnutat ukoll fuq il-filmat. Zammit gie muri l-filmat izda dan innega li kien hu w meta mistoqsi dwar il-gakketta huwa stqarr li hawn hafna ggiget l-istess u stqar li ma kien ser iwiegeb ghalxejn. Giet infurmata l-Ispettura Delia dwar dan ir-rapport u nhar l-24 ta' Marzu, 2020 PC 1151 u WPC 174 marru fir-residenza ta' Zammit fejn talbuh jindikalhom liema kienet l-arma li uza f'dan ir-rapport u hu kkopera mill-ewwel. Fil-prezenza tieghu giet elevata l-arma u l-*scope* li kienet imwahhla maghha. Minn hemm hekk marru l-ghassa fejn giet mghoddija ricevuta ta'dawn l-affarijiet lil Zammit.

In kontro-ezami PC 1151 Carl Gatt[30] ikkonferma li fuq il-post ma sabu l-ebda *bullets* u l-ebda skratac. Hu kkonferma illi kien sar kuntatt ma Kenneth Coleiro u

[30] Fol. 49 et seq. tal-process.

ghalkemm am kienux baghtu ghalih, mis-sistema tal-MPS setghu jaraw li ma kiex l-individwu li kien tal-filmat li baghtulhom il-CABS. Coleiro kien qalilhom li dik il-vettura jaghmel uzu minnha Joseph Zammit, impjegat tieghu. Ikkonferma illi kienu baghtu ghal Zammit u dan gie immedjatament. Mistoqsi jekk hu jew il-kollegi tieghu rawx il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GCA 023, hu wiegeb illi fejn l-ghassa tan-Naxxar ma kienitx zgur. Hu qal li mxew fuq dak li qalilhom Coleiro ghax hu l-imghallem. Mistoqsi emmnux lil Coleiro b'ghajnejhom maghluqa hu wiegeb illi x'hin Coleiro taghhom il-karta tal-identita' ta' Zammit kien jidher car mill-filmat u r-ritratt ta' l-MPS. Nhar l-24 ta' Marzu hu qal li nfuraw lil Zammit u minn jeddu marru ghandu u ndikalhom liema kienet l-arma f'dan l-incident. Hu jghid li mexa fuq l-istruzzjonijiet li taghtu l-Ispettura. Hu qal li bil-miktub ma kellu xejn izda mieghu kellu kollega tieghu bbin-numru 2174. Ikkonferma illi dokumenti ma kellhomx izda nfurmawh, ikkopera maghhom u ghaddilhom kollox. Ikkonferma li l-flok li kien jidher fil-filmat Zammit kien mar bih l-ghassa. Hu qal li l-flok ma evalwawhx u ma hadulux ritratti. Hu xehed li kienu hames pulizija prezenti fl-ghassa u suppost kulhadd ikkonferma dan fl-affidavits taghhom. Mistoqsi jekk il-flok in kwistjoni ghandhomx flokkijiet bhalu il-haddiema tas-sur Coleiro, hu wiegeb li din il-verifika ma ghamluhiex. Hu spjega li ma jifhimx fl-armi, izda l-arma li gabru kienet simili ghal dik tal-filmat. In ri-ezami kkonferma li fil-filmat ra lill-appellant b'din l-arma bl-*iscope*. Meta rrikorrew id-dar ta' Zammit hu qal li regghu kellmuh fuq ir-rapport u qalilhom li ser jikkopera u taghhom l-arma minn jeddu. Hu spjega kif dan 'Qabad dahal u talbna nidhlu mieghu wkoll fir-residenza u taghna l-arma minn jeddu minghajr ebda tfittxijiet.'mistoqsi kinex hemm xi diskors qabel, hu qal li wrewh il-filmat l-ghassa. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettura Christina Delia huma nfurmawh rigward l-arma u talabhom jmorru d-dar ghandu. Huma dahlu ghand l-appellant ghaliex qalilhom hu u m'ghamlu l-ebda tfittxija u hu ghaddilhom l-arma minn jeddu.

**WPC 383 D. Mifsud**[31] ukoll xehedet permezz tal-affidavit fejn spjegat illi nhar l-20 ta' Marzu, 2020 kienet xoghol l-ghassa tan-Naxxar u dahlet telefonata minn certu Fiona Burrows fejn qaltilhom li hi tahdem mal-CABS kienet qeghda vicin it-Telgha t' Alla u Ommu, Naxxar u man-naha tal-lemin kienet qed tara persuna maskili li kien jinsab go dura u li kien qed jaghmel uzu minn arma bi *scope*. Burrows qalet li dan kien b'vettura tal-ghamla Renault Kangoo bajda bin-numru tar-registrazzjoni GCA 023. Il-pulizija marru minnufih fuq il-post. Xi 17.20pm, Burrows irrikoriet l-ghassa tan-Naxxar fejn stqarret li hi ghandha xi filmati u giet mitluba tipprovdi koppja tal-filmati. Minn aktar investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li l-vettura GCA 023 li tappartjeni lill-kumpanija 'Coleiro General Supplies Ltd' u li sidha hu certu Kenneth Coleiro u din il-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-lavrant tieghu certu Joseph Zammit fejn dan gie mgharraf sabiex jirrikorri imedjatament gewwa l-ghassa tan-Naxxar. Meta dan wasal gie nfurmat bir-rapport li kien sehh fil-konfront tieghu w gie moghti wkoll id-drittijiet tieghu fosthom li jikkonsulta m'avukat personali tieghu izda hu ghazel li jirrinunzja ghall-imsemmi dritt. Hu gie muri wkoll il-filmat fejn hu stqarr li dak il-persuna ma kienx hu u qal ukoll li ma kienx ser iwiegeb ghal aktar mistoqsijiet. Zammit beda jistaqsi lill-pulizija rigward x'akkuzi jista jkun hemm ghall-Qorti f'dan il-kaz fejn il-pulizija infurmatu li jekk hu qed jibqa' jsostni li dak il-persuna mhux hu, m'ghandux id-dritt ikun jaf. Zammit ma ffirmax id-dikjarazzjoni li rrinunzja ghad-dritt tal-avukat. L-Ispettur Christina Delia giet infurmata b'dan ir-rapport. Nhar l-21 ta' Marzu, 2020, Burrows irrikoriet l-ghassa tan-Naxxar fejn ipprovdiet kopja tal-filmat fejn din giet mhemuza mal-imsemmi rapport.

**Carl Cauchi**[32] xehed nhar id-19 ta' Novembru, 2021 fejn qal li jahdem il-Wild Birds Regulation Unit. Hu qal li gie mitlub jixhed dwar il-kaz ta' Joseph Zammit fejn stqarr li dan ghandu licenzja generali tal-kacca fuq l-art u wkoll kacca tal-

---

[31] Fol. 26 et seq. tal-process.
[32] Fol. 47 tal-process.

fenek. Spjega illi fl-20 ta' Marzu , 2020 ma kien hemm l-ebda stagun tal-kacca miftuh, ghalhekk min beda jmur ghall-kacca beda jaghmel dan b'mod illegali.

**<u>Fiona Burrows</u>**[33] xehedet bil-lingwa Ingliza nhar id-19 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li ser tkun qeghda tixhed ghan-nom tal-*Committee Against Birds Slaughter*. Hi spjegat illi nhar it-28 ta' Marzu, 2020 hi u voluntiera ohra innutaw ragel bilqegheda fid-dura b'arma u dan fil-limiti tan-Naxxar. Hi bdiet tigbed video u dan ghaliex kien zmien fejn il-kacca ma kienitx permessa. Ftit minuti wara rajtu jimmira imma ma kienx possibli tiddetermina kienx hemm sparatura jew le u dan minhabba t-triq trafikkuza fil-vicinanzi izda ratu jaghmel *reload*. Wara ftit minuti huma mxew ghal post fejn setghu jaraw in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tieghu. Hi cemplet il-pulizija, izda l-EPU ma kienux disponibbli minhabba li kienu qed jaghmlu xi rondi fi zmien il-COVID-19 u allura kkuntatjat il-pulizija tan-Naxxar. Sakemm il-pulizija mill-ghassa tan-Naxxar waslu, l-kaccatur qabad il-vettura u telaq minn fuq il-post. Hi qalet li pprovdiet lill-pulizija bil-filmat li kienet gibdet. Hi pprezentat ukoll quddiem il-Qorti kopja tal-filmat u rapport imhejji minnha. Hi gharfet lill-appellant fl-awla bhala l-persuna li kellu l-arma. Hi kkonfermat illi r-ritratti u l-filmat gew mehuda minnha. In kontro-ezami qalet li hi mhux espert fl-armi, u kull ma tista' tghid li l-arma kien *gun*. Hi qalet li ma tistax tikkonferma jekk kienx qed jispara izda ratu jaghmel *reloading* darba. Mistoqsija jekk hux minnu li din l-arma ma tintuzax ghal kacca, hi wiegbet li hi mhux esperta tal-armi u ghalhekk ma tafx ghalxiex tintuza l-arma.

**<u>PS 1525 Patrick Farrugia</u>**[34] xehed illi kien gie nominat nhar it-2 ta' Dicembru, 2021 sabiex jezamina dokument li kien gie pprezentat formalment u kien qieghed jigi mizmum mill-*Quarter Master Stores* tal-Pulizija. Dan kien jikkonsisti *air gun, make Air Arms, serial number* 039163, teleskopju tal-marka Z0S u *cover*, u l-ghata

[33] Fol. 56 et seq tal-process.
[34] Fol. 71 et seq tal-process.

tal-arma. Hu kkompila r-rapport tieghu fejn qal li l-arma tiffunzjona tajjeb minn kull aspett. L-arma ghandha funzjoni ta' *single shot*, cioe', wara kull tir li jigi sparat, it-tiratur jehtieglu jieqaf biex jerga' jikkarga sabiex jispara t-tir sussegwenti. Ghaldaqstant, din l-arma m'hijiex it-tip *repeater*, cioe' mghammra b'magazin li jippermetti t-tiratur jispara tir wara l-iehor minghajr ma jieqaf jikkarga. Hu spjega illi din l-arma mhux normalment tkun assocjata ma' kacca ghall-ghasafar fil-kuntest Malti ghaliex tispara comba wahda biss. Kif diga' inghad normalment ghall-kacca jintuzaw snieter li jutilizzaw ammonti sostanzjali ta' combli johrog f'daqqa u jinfirex fl-ajru. Izda, jekk l-ghasfur jieqaf itir u jpoggi x'imkien u jigi mmobbli, c-cansijiet li t-tiratur jolqot l-ghasfur, jizdiedu mhux ftit. It-teleskopju ottiku huwa kompatibbli mal-arma u jigi mmuntat fuqha. Spjega li mhux f'pozizzjoni jghid jekk din l-arma li tidher f'xi filmat hijiex l-istess arma li giet ezaminata.

Ikkunsidrat ulterjorment;

L-ewwel parti tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-appellant titratta dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti evalwat b'reqqa l-evidenza migjuba quddiemha, b'mod specjali l-filmati esebiet mix-xhud Fiona Burrows. Bl-esperjenza taghha, din il-Qorti tista' tikkonkludi illi minn dak li rat hi stess minn dan il-filmat u/jew filmati kien hemm attivita' ta' kacca.

Fir-rigward tal-investigazzjonijiet tal-pulizija din il-Qorti tixtieq tikritika l-fatt illi xhieda mportanti ma jigux imressqa sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti bhal per ezempju r-rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma fuq min hi registrata l-vettura; is-sur Kenneth Coleiro li allegatament huwa l-imghallem tal-appellant; u l-volutiera tal-CABS bl-isem ta' Patricia. <u>Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madanakollu l-pulizija ghandhom ikunu preparati u mhux iserrhu principarjament fuq ir-rapporti kompliati mill-CABS</u>. Din il-Qorti tfakkar

illi l-prosekuzzjoni trid iggib il-quddiem l-ahjar prova u l-appellant m'hu obbligat iressaq l-ebda prova *da parte* tieghu. Oltre minn hekk din il-Qorti tghid illi ghandha ragun id-difiza meta tghid illi l-pulizija naqset meta marret fid-dar tal-akkuzat, jiem wara li dan kien irikorra gewwa l-ghassa, u ma taghtux id-drittijiet tieghu mill-gdid u skond il-ligi fosthom id-dritt tas-silenzju u d-dritt li jkun assistit minn Avukat jew prokuratur legali. Minkejja l-fatt li l-appellant ghamel dan minn jeddhu ma jfissirx li l-pulizija ma kellix twissih b'mod immedjat bid-drittijiet tieghu f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tqis bhala inammissibli u konsegwentament sejra tiskarta x'qal l-appellant lill-pulizija meta dan ghaddilhom l-arma u kwalunkwe referenza ghal dan; id-dettalji tal-arma nnfisha; kif ukoll ix-xhieda u r-rapport tal-espert PS 1525 Patrick Farrugia.

Dwar l-apprezzament tax-xhud ewlieni u cioe' Fiona Burrows, din il-Qorti osservat illi s-Sinjura Burrows kienet ilha tosserva lill-appellant ghal madwar hamsa u erbghin (45) minuta u sahansitra qalet li kienet gharfet lill-appellant fl-awla bhala l-persuna li kellu l-arma f'idu. Hawnhekk tqum il-mistoqsija tal-identita' tal-appellant. Apparti ix-xhieda ta' Fiona Burrows, din il-Qorti ghandha wkoll l-affidavits tal-pulizija, il-filmat li wkoll gie migbud mis-Sinjura Burrows u l-PCR Person Details a fol. 5 tal-process fejn hemm ukoll ritratt tal-appellant.

F'dan l-istadju din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur**[35]

> *'Din il-Qorti rat il-filmati fejn jirrizulta li hemm seba' (7) filmati ta' madwar minuta, zewg minuti kull filmat u f' uhud anqas minn minuta ghalkemm Fiona Burrows fixxhieda taghha tghid 'There are about five or six clips ... normally about five minutes long each*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Mejju, 2019.

*clip maybe longer, it depends.' Kif tajjeb issottomettiet id-difiza ma hemmx filmat wiehed kontinwu izda clips qosra li huma intitolati '00010', '00011', '00012', '00015', '00017', '00018' u '00019' u li ghaldaqstant in-numri bhala titoli tal-'clips' ma jsegwux . Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra x'inhi 'real evidence.' Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'***[36]*, dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi 'real evidence'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:*

*'L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):*

*'**A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses.** The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

*'**The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.***

Oltre minn hekk, iktar tard fl-istess sentenza inghad is-segwenti:

*'Gialadarba din il-Qorti hija tal-fehma li l-filmat wahdu mhuwiex bizzejjed ai fini ta' identifikazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows hijiex sufficenti.*

*Ikkunsidrat;*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Stephen Zammit'**[37] fejn gie kkunsidrat li:*

*'Il-Każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull (1977) QB 224**, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:*

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Lulju, 1998.

*make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger".;*[38]*'(Emfazi mizjuda u referenzi kif citati tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).*

[38] ara Blackstone's Criminali Practice, 1991, paġna 1991; Archbld, 1997, paġna 1255-1256.

*Il-kaz ta' R vs Turnbull gie citat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Kenneth Ellul'**[39].*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Stephen Azzopardi'**[40] gie kkunsidrat:*

*'Illi l-perikolu ta' in dock identification huwa evidenti. Fil-fatt il-Privvy Council[41] jirreferi ghal the obvious danger that a defendant occupying the dock might automatically be assumed by even a well intentioned eye-witness to be the person who had committed the crime with which he or she was charged.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. John Vella'**[42] gie kkunsidrat:*

*'Dwar dock identification l-Archbold jghid:*

*Dock identifications are not inadmissible but when considering whether to exercise its discretion to admit such evidence the court should consider whether there is a good reason why an identification procedure did not take place – there being procedures which can take place where the suspect is not willing to participate in a formal identification parade. Where such evidence is admitted the court should remember the dangers of relying on such evidence, that (if the defendant was denied the*

---

[39] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2018 (Att ta'l-Akkuza numru: 16/2012).

[40] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017 (Kumpilazzjoni Numru: 1041/2014

[41] ) Ref Tido vs The Queen [2011] UKPC 16 per Lord Kerr. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh ilpagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[42] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2019 (Numru: 401/2018)

*advantage of participating in an identification procedure) the defendant has been disadvantaged by not participating in an identification procedure and that an identification witness may assume that the person in the dock is the person who committed the offence.*[43] '

*L-Avukat difensur ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija (Spettur Edel M. Camilleri) vs Joseph Axiaq'</u>***[44] *fejn Fiona Burrows kienet zbaljat fl-identifikazzjoni tal-imputat stante li kienet qieghda tirreferi ghal kaz iehor. F'dik is-sentenza intqal:*

*'9. Barrows fix-xhieda tagħha bdiet biex tidentifika lill-imputat appellant bħala li kienet il-persuna li raw fuq il-post u kompliet tixhed li l-vettura li biha dik il-persuna telqet minn fuq il-post kellha n-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Ix-xhud Barrows imbgħad żiedet li kienet qed tirrealizza li fl-istess ġurnata kellha żewġ każijiet u li fil-każ ta' llum in- numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura kien SIM 031 u mhux IBC 864. Tal- aħħar kien jirrigwarda l-każ l-ieħor li fih ix-xhud Barrows ma kienetx identifikat lill-persuna involuta, kif irrilevat l-ewwel Qorti*[45]*. Għalhekk meta x-xhud identifikat lill-imputat l-ewwel darba kienet qed tirreferi għall-każ li kien jikkonċerna l-vettura IBC 864 u ċioe' każ ieħor u mhux ta' llum. Kien hemm ukoll fuq il-post żewġ vetturi oħra bin-numru KBC 106 u CBG 946.'*

[43] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018 Pg 654 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)
[44] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Lulju, 2017 (Appell numru: 592/2016)
[45] Fol. 18 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna) fis-sentenza citata)

*Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:*

*'13. Il-Qorti eżaminat il-filmat li jidher fuq id-DVD konsenjat minn Barrows lill-Pulizija u li jinsab esibit fl-atti. Fil-film tidher persuna maskili b'kappell mdeffes f'rasha sa fuq għajnejha u liebes nuċċali tax-xemx skur b'arbuxxell li kien jostakola l-viżwali tal-fattizzi ta' wiċċu. Aktar tard dak li jidher huwa l-istess persuna jidher ukoll f'distanza aktar 'il bogħod b'daru lejn il-camera miexja lejn dura iżda f'mument minnhom għal xi sekondi jidher wiċċu lejn il-camera iżda bil-fizjonomija ta' wiċċu xejn rikonoxibbli f'dik id-distanza. Għalhekk il-video ma jagħtix serħan il- moħħ li min ħa l-video seta jirrikonoxxi lill-persuna li kienet tidher filfilmat. L-istess jista' jingħad għar-ritratti esibiti li juru l-istess affarijiet.'*
*In oltre, gie kkunsidrat: '*

*16. Għalhekk l-uniku xhud prodott biex jidentifika lill-imputat hija effettivament Fiona Barrows li d-depożizzjoni tagħha, iżda, xejn ma tagħti affidament lill-identifikazzjoni tagħha tal-imputat. Bdiet biex tidentifika lill-imputat bħala l-persuna li rat fuq il-post u bħala l-persuna li saq minn fuq il-post fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Minnufih wara, iżda, rrealizzat li kienet qiegħda tħawwad il-każ ma ieħor preċedenti u issa qalet li l-vettura kienet bin-numru SIM031. Aktar tard reġgħet kkontradiċiet ruħha għaliex ikkonfermat li fil-fatt qatt ma rat il-vettura li biha telaq minn fuq il-post. Ta' min iżid li firrapport tagħha Barrows qatt ma qalet li rat lill-persuna in kwistjoni titlaq b'xi vettura iżda qalet biss li "He walked away" imbgħad żiedet li "and we did not see what vehicle he left in". Il-filmat li gie prodott minn Barrows lill-pulizija ma jagħtix serħan il-moħħ li Barrows*

*kienet f'pożizzjoni li tagħraf pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmat. Is-surġent rapportat li għaraf lill-imputat mill-filmat ma ġiex prodott jixhed.*

*17. Ta' min iżid li fil-filmat, li huwa wieħed awdjoviżiv, ma jinstema' ebda bird caller u għalkemm tidher gaġġa waħda ma jidher fiha ebda għasfur jew decoy. Inoltre l-persuna li tidher fil-filmat ma tidhirx fid-dura fejn nassab soltu jistenna biex jaqleb ix-xbieki iżda jidher barra d-dura f'ċertu distanza minnha sakemm fl-aħħar imur lejn id-dura u jidher li telaq minn fuq il-post.'*

*Din il-Qorti izda ma hijiex tal-fehma li din tnaqqas il-kreddibilita tax-xhud Fiona Burrows. Din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda ta' Fiona Burrows, liema xhieda kienet wahda konsistenti, hija konvinta bl-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows fir-rigward tat-tlett imputati u ghalhekk inkluz l-appellant odjern Luciano Mirabitur. Jirrizulta li hi osservat lil dawn il-persuni ghal madwar hamsa u erbghin (45) minuta u ghalkemm f'xi waqtiet kienu mghammda, hija setghet tarafhom minn hwejjighom meta wicchom kien mikxuf u meta huma mexew qalb l-ghelieqi ghal vetturi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ma ghandhiex tqis l-identifikazzjoni li ghamlet din ix-xhud bhala sufficenti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.'*

Fil-kaz odjern ghalkemm Burrows iddiskrevit l-appellant bhala persuna ta' madwar ghaxar (10) snin izghar, b'mod generali din kienet konsistenti fil-verzjoni taghha u dak li qalet jikkombacca ma'dak li jidher fil-filmat. Ghalkemm Burrows ghandha nteress fil-kaz odjern u dan peress li hi ngaggata mal-NGO

ambjentali CABS, il-filmat maghdud flimkien mad-depozizzjoni tax-xhud Fiona Burrows; l-atteggjament tal-appellant mal-pulizija meta rrikorra gewwa l-ghassa u cioe' ghalkemm beda jsostni li l-persuna fil-filmat ma kienx hu, xorta beda jistaqsi x'akkuzi jista' jkun hemm ghall-Qorti;[46] il-PCR Person Details report, esebit fol. 5 tal-atti processwali li sahansitra anke juri wicc l-appellant, kollha b'mod kollettiv jindikaw illi m'hemmx dubbju dettat mir-raguni mill-identifikazzjoni tal-appellant. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi michud.

__**It-tieni aggravju**__ mressaq mill-appellant huwa dwar interpretazzjoni zbaljata tal-fatt u tal-ligi fuq il-kacca. L-appellant qieghed jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghall-ewwel zewg akkuzi minghajr ma ssibu hati ghall-ahhar zewg akkuzi.

L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati bil-ksur tar-regolamenti 4(1) u 18(1)(a) u cioe' li waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett that ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi u ghalhekk kontra dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija tahthom. Hu garr wkoll arma tan-nar barra l-ghata taghha.

L-appellant gie akkuzat ukoll bi ksur tal-Artikoli 5(1) u (3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif diga gie ritenut qieghed jinsisti li la gie liberat minn dawn l-akkuzi, hu kellu jigi liberat ukoll mill-akkuzi l-ohra. Dawn l-Artikoli jistipulaw hekk:

> *'5(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta'dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew*

[46] Fol. 28 tal-process.

*fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II <u>mingħajr ma jkollu liċenzja taħt dan l-Att.</u>*

*3(a) Applikazzjoni għal liċenzja taħt din it-Taqsima biex jinżammu f'xi fond armi tan-nar jew munizzjon għandhom jispeċifikaw liema jkun dak il-fond fejn ikunu ser jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjon ul-liċenzja tingħata biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-naru munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod siguru separat f'dak il-fond u li dawk l-armi tan-narjinżammu skargati.*

*(b) Kull kambjament fil-fond approvat għandu jiġi avżatlill-Kummissarju fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-datata' dak il-kambjament*

Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Carl Cauchi[47] li xehed f'isem il-*Wild Birds Regulation Unit* fejn qal li l-appellant ghandu licenzja generali tal-kacca u ohra tal-fenek. Madankollu, ma telghax jixhed xi hadd mill-pulizija, kif normalment isir, sabiex jixhed l-appellant x'armi ghandu registrati fuq ismu. Lanqas ma ngghabet l-ebda prova tal-licenzja tal-arma li tidher qed tigi wzata fil-filmat, u ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward stante li l-prosekuzzjoni ma gabitx prova li minghajr dubbju dettat mir-raguni l-appellant kellu jinstab hati tat-tielet u r-raba' akkuza migjuba kontrih.

Madankollu, mhux l-istess jista' jinghad ghall-ewwel zewg akkuzi *supra* citati. Huwa minnu li x-xhud Fiona Burrows qalet illi hija rat biss lill-appellant jiloadja l-arma, izda qalet ukoll li ma kienx possibli tisimghu jekk hu spara u dan minhabba t-triq trafikkuza fil-vicinanzi. Din il-Qorti rat ukoll il-filmati esebiti,

[47] Fol. 47 et seq tal-process.

fejn l-appellant jidher fid-dura u anke qed juza xi tip ta'munizzjoni jew skratac. Ghaldaqstant, din il-Qorti hadet dawn l-affarijiet kollha in konsiderazzjoni u tinsab konvinta li l-appellant kien qed jaghmel attivita' ta' kacca u ghalhekk sejra tichad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**<u>It-tielet aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-piena nflitta fuq l-appellant. Kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. L-appellant stess fir-rikors tieghu qieghed jirikonoxxi l-fatt illi l-piena hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Issa minn ezami tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u partikolarment mill-artikolu 27(2)(a) jirrizulta li l-piena li tista tigi imposta ghall-akkuzi moghtija fil-konfront tal-appellant tvarja meta ikun hemm l-ewwel *conviction* ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' hamest elef euro (€5,000) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti*. Oltre minn dan, l-istess disposizzjoni tal-ligi u cioe' l-proviso tal-Artikolu 27 jipprovdi ukoll li jkun hemm b'mod tassattiv is-sospensjoni tal-licenzja mahruga taht ir-regolamenti taht Parti XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn izda mhux aktar min hames snin. L-Ewwel Qorti dehrilha li tikkundanna lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000) liema piena taqa' fil-parametri tal-ligi u hija piena medja. Konsegwentement din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni li ghandha tiddipartixxi minn tali piena gja imposta. Jinghad ukoll fir-rigward tas-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca, it-terminu moghti mill-Ewwel Qorti kien fil-minimu taghha u ghalhekk mhux ser ikun hemm l-ebda temperament fiz-zmien tas-sospensjoni moghti.

Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn a tenur l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' wiehed u sebghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€71.58) konnessi mal-hatra tal-espert tal-armi u dan ghaliex li kif diga gie ritenut *supra*, din il-Qorti kkunsidrat t-testimonjanza tieghu bhala inammissibbli stante meta l-pulizija rrikorrew fir-residenza tal-appellant, jiem wara li hu kien mar l-ghassa u kien gie moghti d-drittijiet tieghu, ma regax gie mwissi bid-dritt tieghu tas-silenzju u li jkun assistit minn Avukat jew prokuratur legali.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel u tieni aggravi tal-appellant Joseph Zammit fl-intier taghhom u qeghda tilqa' *in parte* it-tielet aggravju u cioe' filwaqt li tikkonferma l-multa ta' elfejn euro (€2,000) u s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-zmien sentejn, qeghda thassar l-ordni tal-Ewwel Qorti fejn din imponiet lill-appellant a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali sabiex ihallas l-ammont ta wiehed u sebghin euro u tmienja u hamsin euro (€71.58) konnessi mal-hatra tal-esperti.

Din il-Qorti qeghda tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tali proceduri isiru b'aktar attenzjoni w jigu wkoll mressqa l-provi kollha skond il-ligi.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur